# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru wieħed u tmenin (81) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2011, fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT | Charles Farrugia | Deputat Sindku |

1. Il-laqgħa bdiet billi s-segretarju eżekuttiv fetaħ il-kaxxa tal-offerti u minnha silet żewġ *envelopes*. Meta dawn infetħu kien hemm żewġ nomini għall-istess persuna, Ms Josephine Farrugia, ta' 'Notre Nid', Triq is-Saljatura, L-Imqabba, li kienet proposta biex tingħata Ġieħ l-Imqabba. Nomina waħda kienet proposta minn Dorothy Calleya u l-oħra minn Mario Zammit.

2. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija, sarulhom il-korrezzjonijiet li dehrilhom il-kunsillieri preżenti skond kif jidher fuq il-kopja oriġinali bl-inizjali tas-sindku u s-segretarju eżekuttiv u dawn kienu approvati w iffirmati.

PUNTI MILL-MINUTI:

4. Dwar ix-xogħol ta' riskostruzzjoni ta' toroq, is-sindku qal li ltaqgħu hu, il-perit u kuntrattur qabel ma ser nibdew Triq il-Fjuri u nstab illi biex joħroġ l-ilma tax-xita minn dan l-eks sqaq qed ikun propost *culvert* tal-ilma li għandu qlib biss ta' 4ċm. Għaldaqstant instab illi l-aħjar soluzzjoni hija l-kostruzzjoni ta' *underground runoff water catchment* li jibda minn fejn 'Tal-Bżaru', ikompli fejn 'Meq House' u jikser għal barra lejn l-iskola.

5. Dwar l-għoti ta' kwotazzjonijiet tal-*ICT* u *Electrical Installation* fl-uffiċċju, issa għandna r-rapport tal-Inġinier u l-KLM ittratta l-aġġudikar tagħhom dan aktar tard fis-seduta.

6. Saret referenza għal-laqgħa li kellhom is-sindku tal-Imqabba, ta' Ħal Safi u s-segretarju eżekuttiv tal-Imqabba mal-Avukata Dr Marion Camilleri dwar il-parir li kien propost f'laqgħa oħra li saret ġewwa Ħal Safi fejn kien ukoll preżenti is-segretarju eżekuttiv ta' Ħal Safi, dwar l-offerta tal-iskart li ħarġet bħal daż-żmien sena. Noel Galea qal illi minkejja li verbalment Dr Marion Camilleri qaltilna biex nipproċedu, jiġifieri biex jiġi *awarded* il-kuntratt favur is-Sur Joseph Zammit, is-segretarju eżekuttiv tal-Imqabba għadda l-informazzjoni b'*e-mail*, rikjesta mill-istess Dr Marion Camilleri u din kellha wkoll tkellem lill-avukat tal-*bidder* kontestant fl-appell li ħadd ma ried jisma' (la l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u lanqas il-kumitat fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi) wara li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali sostna dak li qal dan il-kumitat u ma ta l-ebda direzzjoni. Intant l-istess avukat kellha tkellem li Dr Angele Vella, li hija il-*legal advisor* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-parir ikun wieħed meħud mill-perspettivi kollha.

7. Għas-serata ta' Ġieh l-Imqabba, ktibna lil Ms Angie Casha kif ukoll lill-Kap tal-Iskola tal-Imqabba sabiex din tal-aħħar tissuġerixxi tifel u tifla ħalli jgħinu lil Ms Casha kif kien deċiż fis-seduta preċedenti. Sadanttant fil-lista tal-gradwati ġodda rċevejna tliet ismijiet. Intant is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat jibgħat l-ordni għal żewġ bukketti fjuri biex jitpoġġew

biswit il-palk fl-iskola (aktar tard dawn għandhom jitpoġġew fil-Knisja Parrokkjali) u bukkett ieħor biex jingħata lil Ms Casha.

8. Dwar l-attività kulturali li se tinżamm ġurnata qabel, is-segretarju eżekuttiv ħareġ l-ordni biex jinkrew, is-*security guards* ta' *JF Security*, l-uffiċjali ta' *Heritage Malta* biex jiftħu l-katakombi, iż-żwiemel u l-karozzini. Is-sindku qal li qed jieħu ħsieb it-trenn mingħajr binarji li fassal ir-rotta tagħha minn Triq Karmenu Ciantar, Triq Santa Katerina, Misraħ il-Fidwa, Triq il-15 ta' Settembru, Triq il-Barrieri, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq in-Nazzarenu, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Katakombi, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq tas-Sejba, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Misraħ Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Mithna, Triq Santa Katerina u l-vjaġġ jintemm fil-Pjazza tal-Knisja.

9. Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat ukoll jibgħat l-ordni għal żewġ gwardjani lokali mis-7:00pm sal-11:00pm biex ikunu qed jeskortaw il-marċ fit-toroq flok il-pulizija, li meta ċempel is-sindku lil Maġġur Mike, dan qallu li m'għandux disponibbli. Intant ir-rotta tal-marċ iffurmat biż-żewġ baned tar-raħal se tkun din: Pjazza tal-Knisja fejn il-Każin tal-PL, Triq il-Madonna tal-Ġilju għal fejn il-Każin tal-Futbol, Triq il-Mitħna, Triq Santa Katerina, Triq Santa Marija (fejn il-*MUSEUM* tas-Subien) Triq iċ-Ċavi, Triq San Innoċenzju, Sqaq l-Isptar, Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju għal fejn il-Każin ta' Santa Marija, Triq il-Parroċċa għal quddiem il-Muniċipju u jintemm billi jinżel mit-Triq tan-Nofs (Parroċċa).

10. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi l-*Vintage Group* xtaqu sagħtejn espożizzjoni fuq il-palk minħabba ir-ripertorju kbir li għandhom u propju l-lejla għandhom il-provi, filwaqt li *Jackson Band* xtaqu wkoll li jitilgħu minn 15 sa 20 minuta fuq il-palk sabiex huma jkunu jistgħu ifiehmu lill-pubbliku l-istrumenti antiki li se jkunu qed idoqqu bihom. Ma' dawn se jkun hemm il-kantanta Mqabbija Chrystal Bugeja, Jeremy Buttigieg u Roberta Mallia li missierha Patrick se jkun qed jippreżenta ma' Edwin Gatt bejn is-7:30pm u d-9:00pm. Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat joħroġ ordni ta' xogħol fuq il-*VintageGroup* ta' €400 għas-*sound* li jinkludi wkoll il-faċilità li jindaqqu siltiet *playback*, kif ukoll l-ammont ta' €250 biex issir *billboard*, 6m x 3m f'Tas-Sejba jew Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

11. Dwar wirja statika fil-Pjazza tal-Knisja, is-sindku qal li se jkun hawn il-karozzi antiki ta' Leli Camilleri u hemm xi ħadd ieħor li se jesebixxi *Austin Standard* antika. Intant se jkun qed jopera is-servizz ta' *entertainers* fejn tfal se jkunu mlibbsin ta' *Sumo Wrestlers* qishom *Humpty Dumpty* u jikkompetu bejniethom fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Noel Galea qal li t-tifla tiegħu Neve Marlene Galea se tkun qed iddoqq il-vjolin bla ħlas fil-Kappella ta' Santa Katerina matul is-serata. Intant nhar il-15 ta' Settembru, 2011, is-sindku stieden lill-kunsillieri sabiex ikunu preżenti (min jista') fl-uffiċċju tiegħu biex f'laqgħa li se ssir għall-każini huma jiddiskutu dwar l-ikel Malti li se jkun disponibbli mill-Pjazza tal-Knisja fejn kien ukoll suġġerit illi ssir tabella tan-*no parking* fejn il-Każin Santa Marija u oħra fejn l-uffiċċju tal-Kappillan. Se jkun hemm ukoll l-ikel mill-i*stand* tal-*Maypole* fl-istess serata u dan se jarma fejn kien ippustjat għal dawn l-aħħar sentejn.

12. Dwar il-*pooling* tas-sistema tal-infurzar tal-liġijiet is-segretarju eżekuttiv talab formalment lill-uffiċjal awtorizzat biex jinfurmana kif il-kumpanija li kienet qed tagħti s-servizz tal-gwardjani fil-passat hija l-istess waħda li l-Kumitat Reġjonali qed jieħu s-servizzi tagħha issa. Is-Sur Borg Caruana, fir-risposta tiegħu qal illi għal issa l-kumitat reġjonali se jibqa' jieħu s-servizzi ta' din il-kumpanija għaliex apparentement hemm diffikultà bl-appelli li l-kumpanija *Aurelia* qed tagħmel. Għaldaqstant, dan ifisser li kull meta xi ħadd ikun irid jagħlaq triq biex juża krejn jew jagħmel trinka, il-KLM se jibqa' jaqla' s-servizzi ta' *Sterling Security.*

13. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex tinġieb stima mill-*ELC* (minn għand Żaru) sabiex dawn jaqilgħu żewġ siġar tal-*ficus* u oħra tal-ħarrub li kienu imħawwla mill-pubbliku (mhux mill-awtoritajiet tal-agrikultura) propju fis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin

it-*traffic lights*. Noel Galea qal illi dan qed isir issa li għandna l-approvazzjoni wkoll tal-*MEPA* sabiex saħansitra tinqala' l-istess ħarruba, qabel ma jiġri aktar ħsara lit-triq. Intant is-segretarju eżekuttiv informa lill-KLM illi propju llum is-Sur Fabian Scerri De Carlo akkumpanjat minn persuna oħra tal-*P.A.R.K.S* ġew biex jaraw is-siti fejn fihom hemm l-intenzjoni li jitħawwlu is-siġar li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta qed jipproponi illi jħawwel fil-lokalitajiet li jmissu mal-ajruport, peress li qed jiċċelebra anniversarju importanti.

14. Is-sindku semma l-iskema ambjentali lokali li minkejja li applikajna għaliha *tramitè* il-Kumitat Reġjonali fuq il-proġett li xtaqna aħna, jidher li fl-istess Kumitat Reġjonali kien hemm eżodu differenti. Hawn intqal illi rċevejna korrispondenza li tirreferi għal-laqgħa tat-23/24 ta' Awwissu 2011 fejn kien propost mis-sindki tar-reġjun illi kull kunsill lokali jinstalla pannelli fotovoltaiċi fuq il-bini tiegħu. Is-sindku qal illi peress li l-permess tas-sid fuq il-bini tal-għassa żgur mhux se jingħata wara tant snin jitħabat biex ikeċċina 'l barra, f'każ li dan il-proġett jintlaqa' dawn il-pannelli se ninkluduhom ma' ta' fuq il-bejt tal-Isptar il-Qadim fejn diġà hemm pannelli oħra.

15. Kienet diskussa l-ħarġa għal Għawdex li qed jorganizza l-KLM għal kulħadd propju għada fil-għodu. Kollox hemm ippreparat minbarra t-tombla għaliex jidher li hemm xi pedini neqsin u se jkollna nixtru oħra. Hawn intqal illi din hija l-ewwel darba li l-ħarġa għal Għawdex se jkollha aspett edukattiv u kulturali fejn se nindirizzaw il-gastronomija, *cioè* ikel tradizzjonali Malti/Għawdxi li se narawh isir quddiem għajnejna u jkollna l-opportunità lil nduquh ukoll fil-kumpless *Gozo Traditions*. Is-segretarju eżekuttiv qal li għal din il-ħarġa biż-żieda ta' persuna li daħlet propju ftit tal-minuti ilu se nkunu 82 b'kollox.

16. Il-KLM ikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet miġjuba lilu fir-rapport tal-Inġinier Albert Ellul wara li s-segretarju eżekuttiv qara l-punti saljenti tiegħu, dwar il-kwotazzjoni Q7 u Q8. Għaldaqstant il-kunsillieri preżenti qablu illi l-kwotazzjonijiet tal-*ICT* u l-installazzjoni tal-elettriku jiġu *awarded* lil kumpanija *Alberta Co Ltd*, hekk kif ikollna konferma li l-*PABX* hija nkluża wkoll fix-xogħlijiet proposti.

17. Kienet approvata (il-*Payment Approval Sheet)* iċ-ċedola tal-pagamenti numru 421 u qabel sar dan il-kunsillieri raw il-kont kbir tal-elettriku tal-ġnien f'Misraħ Missjoni ż-Żgħira li nqara l-arloġġ għall-ewwel darba mill-persuna li waħħlet l-i*smart meter* diversi metri 'il fuq mit-triq kif ukoll il-kont tas-*soft drinks* li nxtraw għall-bandisti fil-Festa ta' Santa Marija. Hawn intqal li dawn kienu għoljin wisq u m'hemmx *breakdown* tal-istess spejjeż.

PUNTI OĦRA

18. Is-sindku semma l-konferenza stampa li nżammet mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru, 2011 fil-Pjazza tal-Knisja minħabba l-inkonvenjent li nħoloq bir-reviżjoni tar-rotot tat-trasport pubbliku mill-*Arriva*. Għal din il-konferenza kienu preżenti l-istess kunsillieri preżenti għal din il-laqgħa, u din ħadet il-forma ta' protesta bil-parteċipazzjoni tal-pubbliku li lmenta minn nuqqas ta' trasport dirett mill-Pjazza tal-Knisja għall-Belt Valletta, għaliex issa l-*commuters* qed ikollhom jimxu ħafna biex per eżempju minn Triq is-Siġġiewi jinżlu sat-tarf l-ieħor tar-raħal, fil-*By-Pass* (Triq il-Konvoj ta' Santa Marija) kif ukoll issa li bir-reviżjoni tar-rotot qed tinqabeż ir-residenza San Vinċenz u biex tasal hemm, ikun hemm bżonn tinbidel karozza tal-linja. Din il-konferenza stampa saret wara li l-appuntament mal-kumpanija *Arriva* s'issa għadu ma ntlaqgħax u s-sindku qal li din l-inizjattiva kellha *coverage* fil-*media* lokali.

19. Grace Marie Mallia talbet lis-segretarju eżekuttiv sabiex ikollha kopja tal-kotba tal-KLM riċenti biex hija tkun tista' tara f'hiex inhi il-qagħda finanzjarja tal-kunsill. Is-segretarju eżekuttiv qal illi minkejja li fil-jiem li ġejjin hu mistenni li jiġi l-*accountant* sabiex jagħlaq nofs is-sena jew aktar, hu għandu imdaħħal sa Awwissu, 2011 fis-*SAGE Pastel*. Madankollu hemm ħafna *invoices* neqsin li huma kbar ħafna li jikkonsistu f'xogħlijiet ta' toroq minħabba nuqqas tal-

kuntrattur *Asfaltar Ltd*. Dan wara li dan il-kuntrattur kien mitlub formalment mill-uffiċċju biex ikejjel it-toroq u jibgħat il-kontijiet kollha pendenti. Intant is-segretarju eżekuttiv, dak il-ħin stess issuplixxa lill-kunsillieri preżenti it-*Trial Balance*, l-*Istatement of Affairs* u l-*Balance Sheet* sa Awwissu 2011 meta għal mument kienet sospiża l-laqgħa sakemm is-sindku kellu joħroġ ikellem lil persuna barra l-uffiċċju li ġiet biex titkellem miegħu fuq xogħol tal-KLM.

20. Il-laqgħa ntemmet fl-9:55pm u s-seduta li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2011 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*27 /09 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |